# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Lulju 2008

## dwar il-ħatra ta' membru Portugiż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2008/570/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/651/KE, Euratom (1),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Portugiż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi, konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Eduardo Manuel NOGUEIRA CHAGAS, sar vakanti post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Florival ROSA LANÇA, huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-bqija tal-perijodu tal-mandat, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. LAGARDE

(1) ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/622/KE, Euratom (ĠU L 253, 28.9.2007, p. 39).